MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1848/2001/2

**Avukat Dr. Philip MANDUCA bħala mandatarju speċjali ta' Alain MECHOLAM LEVY**

**vs**

**Dr. Martin FENECH u P.L. Liliana BUHAGIAR li b'Degriet tal-5 ta' Frar, 2002, ġew nominati Kuraturi sabiex jirrappreżentaw lil Giuseppe BIUNDO u lil Carmelo ROLLO u M. SHIPPING LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-3 ta' Diċembru, 2001, li bih l-attur nomine ppremetta:

Illi Alain Mechoulam Levy biegħ il-yacht "MV Alpa 1" lill-konvenut Giuseppe Biundo u l-istess Giuseppe Biundo ffirma kambjalijiet tal-ammont dovut lil Alain Mechoulam Levy;

Illi fit-3 ta' Lulju 2001, fl-uffiċju ta' S. Felice Circeo, Italia, ġie reġistrat favur Alain Mechoulam Levy ipoteka navali fl-ammont ta' Liri Italiani 162,000,000 (Dok. A) u dan fil-konfront ta' l-istess Giuseppe Biundo in konnessjoni mal-yacht "MV Alpa 1";

Illi Giuseppe Biundo naqas li jħallas lil Alain Mechoulam Levy l-ammont dovut lilu fl-ammont ta' Liri Italiani 162,000,000 ekwivalenti llum għal Lm33,650.81 (rata tal-kambju Lm1 = Italian lira 4814.1481);

Illi Giuseppe Biundo ttrasferixxa l-istess yacht lil Carmelo Rollo u dan mingħajr ma ħallas lil Alain Mechoulam Levy l-ammont dovut lilu u dan nonostante l-fatt li l-kambjalijiet ffirmati mill-istess Giseppe Biundo ġew debitament protestati wara li kienu skadew;

Illi sussegwentement il-yacht in kwistjoni, li issa ġie msemmi *My Lulu*, ingħata "provisional registration" f'Malta u dan f'isem M. Shipping Limited:

Illi skond il-liġi Alain Mechoulam Levy għandu dritt li jitlob il-ħlas mingħand is-sid tal-yacht;

Illi għalhekk il-konvenuti huma debituri tal-attur fl-ammont ta' Lm33,650.81 oltre imgħax mid-data tal- iskadenzi tal-kambjalijiet u spejjeż oħra inkorsi mill-attur;

Għalhekk l-attur nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri in solidum bejniethom tal-attur nomine fl-ammont ta' Lm33,650.81 rappreżentanti ammont dovut skond l-ipoteka navali fuq imsemmi u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija;

2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex iħallsu lill-attur nomine l-ammont ta' Lm33,650.81 u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija;

Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-mandat ta' impediment ta' partenża u mandat ta' qbid ppreżentati fit-

23 ta' Novembru 2001 kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur nomine, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fil-15 t'April, 2002, li biha l-imħarrkin Kuraturi Deputati eċċepew:

1. Illi huma għadhom mhux edotti mill-fatti tal-każ u għalhekk jirriervaw illi jirrispondu f'aktar dettal u precizjoni fi stadju ulterjuri;

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsemmija Kuraturi Deputati;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-25 ta' Ġunju, 2002, li bih l-attur nomine iddikjara li ma kellux provi oħrajn x'iressaq b'żieda ma' dawk li tressqu mal-att taċ-Ċitazzjoni;

Rat illi l-imħarrkin Kuraturi Deputati naqsu li jressqu provi f'isem il-kostitwenti tagħhom;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-lum, fejn l-attur nomine talab lill-Qorti biex tgħaddi għas-sentenza fuq il-provi li għandha quddiemha l-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni, l-attur nomine, f'isem Alain Mechoulam Levy, qiegħed ifittex lill-imħarrkin iħallsuh is-somma ta' Lm33,650.81 rappreżentanti s-somma ekwivalenti għas-somma ta' Liri Taljani 162,000,000, li kien il-prezz li bih hu biegħ id-dgħajsa (yacht) tiegħu bl-isem ta' "MV Alpa 1" lill-istess imħarrkin;

Illi, għal din l-azzjoni l-imħarrkin nomine laqgħu billi qalu li personalment ma kienu jafu xejn dwar il-każ, u kienu jirriservaw li jressqu eċċezzjonijiet oħrajn fil-waqt xieraq jekk jsiru jafu b'xi fatti mingħand min qegħdin jirrappreżentaw;

Illi l-provi mressqin mill-attur nomine jikkonsistu f'kopja awtentikata ta' nota ta' iskrizzjoni ta' ipoteka navali ( Dok. "A") li minnha jirriżulta li l-imħarrek Giuseppe Biundo kiseb mingħand l-attur id-dgħajsa (yacht) li l-konnotati tagħha huma lkoll imfissrin fl- imsemmija Nota. Fl-istess Nota ta' Iskrizzjoni jidher li l-prezz miftiehem kellu jitħallas f'disa' (9) rati bejn Awissu tal-2001 u Ottubru tal-istess sena, b'ammonti koperti b'kambjali;

Illi l-attur nomine jallega li l-imsemmi Giuseppe Biundo għadda l-"yacht" lill-imħarrek Carmelo Biundo, u li dan, b'xi mod, reġa' ħeles minnha tant li jgħid li bħalissa l-kumpannija mħarrka M. Shipping Limited kisbet favuriha "provisional registration" fir-Reġistru tal-Bastimenti f'Malta fuq l-istess bastiment li issa ngħata l-isem ta' "My Lulu";

Il-Qorti tirrileva li l-attur nomine ma ressaq l-ebda prova dwar it-trasferimenti li hu jallega li saru u lanqas dwar il-fatt tar-reġistrazzjoni proviżorja tal- "yacht" taħt il-bandiera Maltija. Hemm biss l-istqarrija maħlufa tiegħu dwar dawn iċ-ċirkostanzi;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin Kuraturi Deputati bl-ebda mod ma merew dawn l-istqarrijiet u, kif ingħad, ma ressqu l-ebda provi biex iwaqqgħu dak li qiegħed jiddikjara l-attur;

Illi, fiċ-ċirkostanzi, u peress li l-Kuraturi Deputati qegħdin jidhru għall-imħarrkin kollha flimkien, din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn toqgħod tgħarbel jekk, fl-istat tal-provi li tressqu u l-kwalita' tal-istess provi, il-pretensjonijiet attriċi għandhomx jintlaqgħu kontra l-imħarrkin kollha jew xi wħud minnhom separatament;

Illi l-Qorti hija soddisfatta li l-attur baqa' ma tħallasx, u li dan l-ammont, kopert mill-kambjali fuq bastiment mgħobbi

b'ipoteka navali li għandha l-effett ta' ipoteka speċjali fuq il-bastiment (art. 37B tal-Kap. 234), għandu jedd jirkuprah mingħand min aċċetta l-kambjali li bihom kellu jitħallas, daqskemm mingħand min għandu fil-pussess tiegħu l-bastiment (art. 37Ċ, 38(1) u 42 tal-Kap. 234);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin Kuraturi Deputati;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara lill-imħarrkin bħala debituri solidali tal-attur fis-somma ta' tlieta u tletin elf sitt mija u ħamsin lira maltija u wieħed u tmenin ċenteżmi (Lm33,650.81), ekwivalenti bir-rata tal-kambju applikabbli dak inhar li nbdiet il-kawża għal mija u tnejn u sittin miljun Lira Taljana (Lit 162,000,000), rappreżentanti l-prezz miftiehem tad-dgħajsa ("yacht") bl-isem ta' "MV Alpa 1" proprjeta' tal-attur u mibjugħa lill-imħarrek Giuseppe Biundo, u sallum mhix imħallsa;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom biex iħallsu lill-attur nomine l-imsemmija somma; u

Tikkundanna lill-imħarrkin nomine jħallsu ukoll l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF. LL.D.**
**7 ta' Novembru, 2002.**

**Charles Falzon**

**Deputat Registratur**
**7 ta' Novembru, 2002.**